# *Dun Ġużepp Xerri*

L-EWWEL KAPPILLAN TA' SAN ĠILJAN (1891-1897)

Dun Ġużepp Xerri twieled f'B'Kara fl-11 ta' Ottubru 1823. Ta' ħmistax-il sena kien diġà libes is-suttana u ntbagħat jagħti servizz fil-Kolleġġjata ta' Sant'Elena, B'Kara. Kien ordnat saċerdot fit-18 ta' Marzu, 1848, u l-ewwel ħidma pastorali tiegħu wettaqha fl-istess Kolleġġjata Elenjana.

Ir-rabta tiegħu ma' San Ġiljan bdiet fl-1849, meta l-Knisja ta' dan ir-raħal ħdejn il-baħar saret viċi-parroċċa mill-Isqof Publju Sant. Fl-istess sena kiseb id-Dottorat fit-Teoloġija u malajr sar predikatur magħruf għall-priedki bil-Malti u bit-Taljan. Fil-31 ta' Mejju 1852, Dun Ġużepp Xerri għammed għall-ewwel darba fil-Knisja viċi-parrokkjali. Fl-20 ta' Frar 1853 tbierket il-Knisja viċi-parrokkjali li, bil-ħidma ta' Dun Ġużepp Xerri ġiet imkabbra għad-doppju li kienet. Bejn l-1850 u 1865 fi żmien il-kolera, b'sogru għal saħħtu, Dun Ġużepp ma ħalla xejn mid-dmirijiet tiegħu. Fl-1855 il-viċi-parroċċa ġiet iddedikata lil Assunta u sar il-kwadru titulari bl-Assunta, San Ġiljan u San Pawl. L-Arċisqof Gaetano Pace Forno awtorizza lil Xerri biex ikollu fonti tal-magħmudija. Il-viċi ħallas għalih hu nnifsu. Dan kien fl-14 ta' Diċembru 1858. Bejn l-1860-1866 Dun Ġużepp Xerri, għalkemm mhedded li jneħħulu ħajtu, ħadem bla heda biex ixejjen il-periklu ta' protestantiżmu f'San Ġiljan u tas-Sliema. Dun Ġużepp Xerri tħabat biex l-Assunta jkollha festa f'San Ġiljan, kemm fil-knisja kif ukoll barra. Fit-22 ta' Jannar 1870, Dun Ġużepp għammed lil Ġiljan Zammit li kellu jkun t-tieni kappillan. Fl-1891 kellha tkun sena kbira għal San Ġiljan u għal Dun Ġużepp Xerri. San Ġiljan waħdu kien sar it-titular tal-Knisja. L-Arċisqof Pietru Pace jiddikjara li l-Knisja ta' Ġiljan tkun parroċċa. Hi l-ewwel

parroċċa ta' żmienu. Xerri nħatar minnufih Vigarju-Kurat, sakemm jiġi magħżul il-Kappillan. Fl-10 ta' Ottubru 1891, Dun Ġużepp Xerri nnifsu ġie magħżul bħala l-ewwel kappillan, u fit-18 ta' Ottubru Xerri jieħu l-pussess bħala kappillan. L-ewwel Kappillan jibda jitħabat biex il-Knisja Parrokkjali terġa' titkabbar ħalli ssir kif nafuha llum. Ix-xogħol baqa' sejjer għall-kumpjament ta' ħajtu. Sena wara l-pussess sar il-kuntratt biex Karlu Darmanin jaħdem l-istatwa artistika ta' San Ġiljan, u sena wara fis-sajf, il-parroċċa ta' San Ġiljan ferħet bl-istatwa tal-qaddis padrun. Kien it-13 ta' Awissu 1893. Xerri ħa ħsieb il-fratellanza tas-sagrament li twaqqaf skond il-liġijiet tal-Knisja. Dun Ġużepp Xerri għamel it-Testment tiegħu.

Fit-8 ta' Ġunju 1897, l-ewwel Kappillan ġie assistit waqt il-mewt minn Dun Ġiljan Zammit, li kien mgħammed minnu stess. Sar l-ewwel saċerdot tal-Parroċċa u mbagħad is-suċċessur ta' Xerri. L-għada miet Dun Ġużepp Xerri, l-ewwel kappillan, fl-età ta' 73 sena, waqt li l-għada sarlu l-Funeral fil-parroċċa. Dun Xerri kien l-ewwel wieħed li jindifen f'din il-Knisja Parrokkjali li fi żmienna hi magħrufa bl-isem ta' Lapsi. F'għeluq il-100 sena minn mewtu mewtu, f'San Ġiljan issemmiet triq għalih.